# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru 2020**

**Rikors Numru 41/2017 FDP**

Fl-ismijiet

**Cecil Herbert Jones**

**Vs**

**L-Avukat Ġenerali**
**u**
***Charles Grech (ID Card No: 147956 M) u Maria Dolores Grech (ID Card No: 130957 M) intervjenew fil-kawża permezz ta' digriet mogħti fil-5 ta' Diċembru 2017***
**korrezzjoni awtorizzata 18.01.2021 (MC/GCD/AE)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 26 ta' Mejju 2017, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    *Illi r-rikorrent huwa intimat f'kawża dwar żgumbrament fl-ismijiet "Charles u Maria Dolores konjuġi Grech vs Cecil Herbert Jones" (Rikors Numru 1267/07 AF).*

    *Illi r-rikorrent appella minn sentenza preliminari tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Mejju 2009 u minn sentenza finali tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Frar 2012.*

*Illi b'sentenza tad-29 ta' April 1016 l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ċaħdet iż-żewġ appelli.*

*Illi r-rikorrent ressaq talba għal ritrattazzjoni tal-kawża fi grad ta' appell, liema talba tinsab differita għat-3 ta' Lulju 2017.*

*Illi permezz ta' Rikors Numru 347/16 fl-ismijiet "Charles u Maria Dolores konjuġi Grech vs. Cecil Herbert Jones", ir-rikorrent talab (1) biex huwa jiġi meħlus milli jġib il-garanziji kollha msemmija fl-artikolu 823(2)(a) tal-Kap 12 billi huwa kien ingħata l-benefiċċju tal-għajnuna legali, (2) biex jiġi dikjarat li l-eżekuzzjoni tas-sentenza preċitata tad-29 ta' April 2016 aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lilu milli lill-atturi, u (3) biex il-Qorti tordna t-twaqqif tal-eżekuzzjoni tas-sentenza msemmija sakemm tinqata' t-talba ta' ritrattazzjoni.*

*Illi permezz ta' provvediment mogħti fis-27 ta' Frar 2017, l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddeċidiet illi hi tal-fehma li t-talbiet numru (2) u (3) ma kinux ġustifikati u ċaħdithom, filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-talba numru (1) stante li superfluwa.*

*Illi s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appell tad-29 ta' April 2016 u l-provvediment tas-27 ta Frar 2017 ingħataw mis-S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri, Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo u Onor. Imħallef Noel Cuschieri, filwaqt li t-talba għal ritrattazzjoni tal-kawża fi grad ta' appell ser tinstema' quddiem l-istess Imħallfin.*

*Illi l-fatt li l-provvediment tas-27 ta' Frar 2017 ġie mogħti mill-istess Imħallfin li ddeċidew l-appelli mis-sentenza preliminari tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-7 ta' Mejju 2009 u minn sentenza finali tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-9 ta' Frar 2012 permezz tas-sentenza tad-29 ta' April 2016 jilledi d-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali, u dan peress li wara li taw is-sentenza tagħhom u esprimew ruħhom, għaddew biex jisimgħu u jiddeċiedu talba li kienet tolqot l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija minnhom stess.*

*Illi barra minn hekk, l-istess S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri, Onor. Imħallef Giannino Caruana Demajo u Onor. Imħallef Noel Cuschieri, minkejja l-premess, għaddew biex jiffissaw id-data għas-smigħ tat-talba*

*għal ritrattazzjoni mingħajr ma rtiraw mill-kawża, u dan ukoll jilledi d-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali, u dan peress li wara li taw is-sentenza tagħhom tad-29 ta' April 2016 u esprimew ruħhom fiha, u wara li taw ukoll il-provvediment tas-27 ta' Frar 2017 u ddeċidew fuq it-talba ulterjuri tar-rikorrent, għaddew biex jagħtu bidu għas-smigħ tat-talba għal ritrattazzjoni ta' l-istess kawża fi grad ta' appell.*

*Illi dan kollu jmur kontra l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap 319), li jiggarantixxi d-dritt għal smigħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali, kif ukoll kontra l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti ta' Strasbourg.*

*Illi l-ġudikanti kellhom jirtiraw mill-kawża minnufih wara li esprimew ruħhom fis-sentenza tad-29 ta' April 2016 u naqsu li jagħmlu dan.*

*Illi fit-2 ta' Marzu 2017, in forza tas-sentenza tad-29 ta' April 2016 u wara li ġiet miċħuda t-talba għat-twaqqif ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza, il-konjuġi Grech talbu l-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament numru 360/2017, liema mandat ma kienx jinħareġ kieku ma twettqux il-vjolazzjonijiet imsemmija fuq.*

*Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*(1) tiddikjara illi r-rikorrent sofra leżjoni tad-dritt garantit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja meta l-imsemmija Imħallfin taw il-provvediment tas-27 ta' Frar 2017 billi naqsu li jirtiraw mill-każ;*

*(2) tiddikjara illi r-rikorrent sofra leżjoni tad-dritt garantit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja meta l-imsemmija Imħallfin għaddew biex jagħtu bidu għas-smigħ tat-talba għal ritrattazzjoni ta' l-istess kawża fi grad ta' appell billi naqsu li jirtiraw mill-kawża;*

*(3) tordna t-twaqqif minnufih tal-vjolazzjoni ta' l-artikolu 6 li qed jilmenta dwarha r-rikorrent, okkorrendo permezz ta' miżuri provvizorji;*

(4) *tagħti r-rimedji xierqa 'ad interim', inkluż it-twaqqif tal-mandat ta' żgumbrament numru 360/17 li nħareġ u qed jistrieħ fuq deċiżjonijiet li jivvjolaw id-dritt tar-rikorrent għal smigħ xieraq,*

(5) *tordna l-ħlas ta' kumpens xieraq.*

*Bl-ispejjeż.*

2. Rat illi fit-13 ta' Ġunju 2017 l-**Avukat Ġenerali** irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

(I) *Illi fl-ewwel lok, l-esponent jitlob li għandhom jiġu kjamati in kawża Charles u Maria Dolores konjuġi Grech li kienu l-partijiet li ntavolaw ir-Rikors Promotur fl-ismijiet Charles u Maria Dolores konjuġi Grech v Cecil Herbert Jones (Ref. 1267/2007) li minnhom skattaw il-proċeduri odjerni u li l-proċeduri odjerni jistgħu għalhekk ikollhom effett fuq id-drittijiet tagħhom, u dan sabiex il-proċess ikun integru;*

(II) *Illi fit-tieni lok, l-esponent jirrileva li r-Rikors odjern huwa bid-dovut rispett svijanti stante li għalkemm ir-rikorrent odjern Cecil Herbert Jones jidher li qed jilmenta mill-fatt li l-Imħallfin Sedenti li se jisimgħu ir-Rikors dwar it-talba għar-ritrattazzjoni fil-każ fl-ismijiet Charles u Maria Dolores konjuġi Grech v Cecil Herbert Jones (Ref. 1267/2007/2) (naqsu li jirtiraw mill-każ, ma jirriżultax li l-istess rikorrent Jones għamel xi talba ad hoc ai termini tal-Artikolu 734 tal-Kap 12. Jekk ir-rikorrent dehrlu li fiċ-ċirkostanzi odjerni teżisti xi raġuni serja li tissodisfa l-imsemmi Artikolu 734 tal-Kap 12 u li terradika r-rikuża, ir-rikorrent kien imissu ssollevaha in limine litis fil-proċeduri fejn se mai seta' jqajjimha u mhux, minflok, f'dawk il-proċeduri u fil-ħin propizju jissokkombi għall-istat ta' fatt viġenti u mbagħad jintavola proċeduri oħra biex jitlob rikuża li ma talabx fejn u meta qed jallega li seta' jitlobha;*

(III) *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, filwaqt li jopponi għat-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jirribatti li mhux minnu li seħħ jew li qed iseħħ xi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, minħabba l-fatt li l-Onorabbli Qorti tal-Appell ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent permezz tal-provvediment tal-istess Qorti tas-27 ta' Frar, 2017, u dan minħabba l-fatt li l-istess talbiet kif dedotti fir-Rikors in kwistjoni ma kinux ġustifikati skont il-liġi u konsegwentement l-Imħallfin Sedenti għaddew sabiex jagħtu bidu għas-smigħ tat-*

*talba għar-ritrattazzjoni, u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:-*

*(i) Illi l-esponent jeċepixxi li jidher mill-atti tal-provvediment fl-ismijiet Charles u Maria Dolores konjuġi Grech v Cecil Herbert Jones (Rik. 1267/2007/2) li jinsab appuntat għat-3 ta' Lulju, 2017, li r-rikorrent odjern Cecil Herbert Jones li del resto jidher li hu rappreżentat minn Avukat tal-għajnuna Legali fil-proċeduri għat-talba tar-Ritrattazzjoni tal-każ, ma ntavolax talba sabiex jitlob ir-rikuża tal-Imħallfin Sedenti ai termini tal- Artikolu 742 tal-Kap 12;*

*(ii) Illi l-esponent jirribatti li t-talba tar-rikorrent fejn qed jintalab rimedju ad interim inkluż it-twaqqif tal-Mandat ta' Żgumbrament bin-numru ta' referenza 360/17, hija bid-dovut rispett insostenibbli fil-fatt u fid-dritt stante li kif jirriżulta mill-provvediment tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-27 ta' Frar, 2017, l-istess Qorti wara li għarblet iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, waslet għall-konklużjoni tagħha li t-talbiet tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors in kwistjoni ma kinux ġustifikati skont il-liġi. Efettivament, l-Onorabbli Qorti tal-Appell ikkunsidrat li:*

> *4 ... Li l-konvenut qed jibbaża t-talba tiegħu għar-ritrattazzjoni tal-appell fuq id-dispost tal-Artikoli 811[k] u 811[l] tal-Kodiċi, jiġifieri li hemm dokument allegatament ġdid li ma kienx f'idejh waqt il-proċeduri u li sar żball li jirriżulta mill-atti tal-kawża.*
>
> *5. L-atturi jsostnu li d-dokument li qed jirreferi għalih il-konvenut huwa kont maħruġ mill-Arms Ltd. li seta' faċilment inġieb matul il-proċeduri ordinarji. Apparti minn hekk ma jistax ikun hemm żball li jidher mill-atti jekk il-bażi tal-allegat żball huwa dokument li lanqas biss huwa fl-atti.*
>
> *6. Huma jissenjalaw li waqt il-proċeduri rriżulta li linja tat-telephone fil-fond in kwistjoni ma kienx hemm u li ż-żewġ linji li kien hemm waħda fis-sena 1999 u l-oħra fis-sena 1998 kienu ġew maqtugħa minħabba nuqqas ta' pagament. Inoltre, mill-provi rriżulta li ma hemmx dawl u ilma fil-fond. Kif xehdet ir-rappreżentant tal-Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma, konsum ma kienx hemm mis-sena 2005 il-quddiem. Jissottometti wkoll li l-konvenut kien iddepożita fil-Qorti l-arretrati*

*ta' sitt snin kera b'ċedola waħda preżentata fis-sena 2007, peress li kien ġie rinfaċċjat bil-kawża.*

*… … …*

*9. Din il-Qorti, wara li rat l-atti id-dokument anness mar-rikors tat-talba għar-ritrattazzjoni li huwa kopja parzjali ta' dokument, ikkonsidrat li l-każ jirriżali għas-sena 2007 meta kienet ġiet istitwita l-kawża mill-atturi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Il-każ kien ġie deċiż fis-sena 2012 b'eżitu sfavorevoli għal Cecil Herbert Jones, allura konvenut. Sussegwentement sar appell mid-deċiżjoni tal-ewwel Qorti, li eventwalment ġie deċiż fid-29 ta' April 2016. Issa, bil-proċeduri straordinarji odjerni istitwiti fid-29 ta' Lulju 2016 l-istess konvenut qed jitlob is-smigħ mill-ġdid tal-appell kontestwalment qed jitlob it-twaqqif ta' l-eżekuzzjoni tas-sentenza tad-29 ta' April 2016 sakemm tinqata' l-kawża ta' ritrattazzjoni.*

*10. Din il-Qorti, wara debita konsiderazzjoni tal-fatti kif jirriżultaw mill-atti, mhix tal-fehma li t-talba tal-konvenut hija ġustifikata u li hu ser isofri preġudizzju akbar mill-atturi jekk it-talba tiegħu ma tintlaqax. Tul dawn id-disa' snin proċeduri ġudizzjarji li rriżultaw f'ezitu favorevoli għall-atturi dawn baqgħu privati mill-godiment tal-proprjeta' tagħhom u fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti ma tarax li aktar dewmien sabiex l-atturi jieħdu dak li, kemm l-ewwel Qorti kif ukoll din il-Qorti, iddeċidew li huwa tagħhom bi dritt jissarraf fi preġudizzju anqas minn dak li allegatament isofri l-konvenut bl-eżekuzzjoni tas-sentenza; Għalhekk, din id-deċiżjoni dwar l-eżekuzzjoni tas-sentenza għandha l-awtorita' tar-res judicata ;*

*(iii) Inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva li in kwantu din l-Onorabbli Qorti qed tintalab li tagħti rimedju ad interim inkluż it-twaqqif tal-Mandat ta' Żgumbrament numru 360/17 quddiem il-Qorti ta' kompetenza ordinarja, l-esponent jirrileva li l-ġurisprudenza nostrana hija opposta għal miżura simili, in kwantu tali miżura twaqqaf l-andament normali ta' proċeduri Ċivili u twaqqaf l-ispeditezza li tesiġi l-ġustizzja biex : kull kawża tinqata' fi żmien raġjonevoli u dan 'jista' biss iwassal għal kroll totali tas-sistema tal-ġustizzja tagħna li hija ġia mgħobbija b'diversi diffikultajiet*

*li mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tidħol fihom f'din is-sentenza.*

(iv) *Illi l-esponent jirribatti wkoll li legalment hemm biss l-obbligu tas-soprasessjoni fiċ-ċirkostanza eċċezzjonali fejn Qorti ta' kompetenza ordinarja rinfaċċata b'ilment dwar l-allegat ksur tad-drittijiet tal-Bniedem jew tal-Libertajiet Fundamentali tiddeċiedi, wara li tanalizza l-każ u l-lanjanzi quddiemha, li ma tistax tkompli bis-smigħ tal-każ mingħajr d-direzzjoni tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha u għalhekk tirreferi l-każ lilha. Għalhekk, hija l-Qorti ta' kompetenza ordinarja li qed tisma' l-każ, li għandha l-kompetenza sabiex tiddeċiedi jekk għandhiex twaqqaf il-proċeduri tagħha o meno;*

(v) *Illi fil-każ odjern u dejjem mingħajr preġudizzju, bid-dovut rispett in kwantu permezz tar-Rikors odjern ir-rikorrent qed jittenta jissovverti dak diġa' deċiż mill-Onorabbli Qorti tal-Appell permezz tad-deċiżjoni tad-29 ta' April, 2016, l-esponent jirrileva li din l-Onorabbli Qorti li hi ta' kompetenza straordinarja, bid-dovut rispett mhix intiża biex tkun Qorti ta' Appell minn deċiżjonijiet ta' Qrati oħra;*

(vi) *Illi effettivament u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Qrati fis-Sede Kostituzzjonali rinfaċċati b'talbiet bħal dik odjerna tennew illi m'għandhomx jidħlu fi proċeduri quddiem Qrati oħra u dan għaliex hija l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni ordinarja li għandha tiddeċiedi jekk għandiex tibqa' għaddejja bil-kawża o meno pendenti l-proċeduri Kostituzzjonali;*

(vii) *Illi minn eżami tar-Rikors Promotur odjern huwa manifest li l-proċeduri intavolati mir-rikorrent huma intiżi sabiex jissospendu l-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Żgumbrament li inħareġ fil-konfront tar-rikorrent Cecil Herbert Jones wara d-debitu proċess fil-qrati. Illi dato ma non concesso li l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma fondati, ħaġa li l-esponent qed jikkontesta, xorta waħda ma jsegwix li l-eżekuzzjoni tas-sentenza tagħti lok għal-nuqqas ta' smigħ xieraq. Kif tgħallimna l-Ġurisprudenza nostrana, id-dritt għas-smigħ xieraq jiggarantixxi l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja bħal minima l-indipendenza u l-imparzjalita' tal-Qorti u tal-ġudikant, audi alteram partem u smigħ u pronunzjament tad-deċiżjoni fil-pubbliku. Fil-fatt, din l-Onorabbli Qorti fil-mansjoni*

*Kostituzzjonali tagħha hija kompetenti biss biex tiddeċiedi jekk ġewx leżi xi drittijiet fundamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni Ewropeja u mhux biex tirrevedi d-deċiżjonijiet tal-Qrati l-oħra sabiex tiddeċiedi jekk dawn ġewx deċiżi b'mod korrett o meno. Isegwi għalhekk li l-allegazzjoni tar-rikorrent li t-talba tiegħu sabiex l-Qorti konċernata tordna t-twaqqif tal-eżekuzzjoni tas-sentenza msemmija sakemm tinqata' t-talba ta' ritrattazzjoni ma kellhiex tiġi miċħuda, ma ssegwix u hija legalment infondata.*

*(viii) Illi l-Qorti Ewropeja tinterpreta kwistjonijiet ta' interim measures b'mod ristrett u tikkonċedi tali miżuri biss f'ċirkostanzi li jirrigwardaw sitwazzjonijiet estremi ta' allegata vjolazzjoni tad-dritt għall-ħajja u tad-dritt li persuna ma tiġix assoġġettata għal tortura jew għal trattament inuman u degredanti f'kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni u espulsjoni. Ċertament illi l-każ odjern ma jinkwadra taħt l-ebda wieħed minn dawn l-artikoli tal-Konvenjoni li abbażi tagħhom jingħataw dawn il-miżuri;*

*(ix) Salv eċċezzjonijiet ulterjuri; jekk ikun il-każ.*

*Għaldaqstant l-esponent, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors Promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ċ-ċirkostanzi lamentati ma jiksrux id-dritt tar-rikorrent ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Di piu, l-esponent jissottometti illi fl-umli fehma tieghu m'huwiex indikat illi din l-Onorabbli Qorti 'tordna t-twaqqif minnufih tal-vjolazzjoni tal-Artikolu 6 li qed jilmenta dwarha r-rikorrent, okkorrendo permezz ta' miżuri provvizorji' kif mitlub mir-rikorrent u dan stante li ma qiegħda sseħħ ebda tali vjolazzjoni u, bid-dovut rispett, jidher li dawn il-proċeduri huma sostanzjalment abbuż tal-proċess ġudizzjarju li jirrappreżentaw tentattiv in extremis biex iwaqqfu l-eżekuzzjoni' ta' sentenza tal-Qrati kompetenti li taw smigħ xieraq lill-partijiet kollha.*

3. Rat li Charles Grech u Maria Dolores Grech ippreżentaw rikors datat 12 ta' Ġunju 2017, sabiex jintervjenu fil-każ odjern. Din il-Qorti kif diversament ippresjeduta laqgħet it-talba sabiex jintervjeni fil-każ fil-5 ta' Diċembru 2017 (fol 57).

4. Rat li permezz ta' rikors ippreżentat fit-18 ta' Settembru 2017 ir-rikorrent talab li l-Qorti toħroġ miżura provviżorja, liema talba ġiet miċħuda fis-16 ta' Ottubru 2017 (fol 49).

5. Rat l-affidavit ta' **Cecil Herbert Jones** ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2017 (fol 52).

6. Rat ix-xhieda viva voce ta' Charles Grech mogħtija fil 5 ta' Diċembru 2017. (fol 58).

7. Rat li fit-22 ta' Diċembru 2017, ir-rikorrent talab, għal darba oħra, l-ħruġ ta' miżura provviżorja, liema rikors ġie miċħud permezz ta' digriet datat 10 ta' Jannar 2018.

8. Rat ix-xhieda viva voce ta' Cecil Herbert Jones mogħtija fil-15 ta' Frar 2018. (fol 75).

9. Rat ix-xhieda viva voce ta' **Dr. Tonio Azzopardi** moghtija fit-18 ta' Ottubru 2018. (fol 89).

10. Rat illi fil-11 ta' Ottubru 2019, dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-każ, fejn ir-rikorrent għarrafha li sa seduta oħra jkun għalaq il-provi tiegħu.

11. Rat illi fit-13 ta' Novembru 2019, ir-rikorrent eżebixxa dokumentazzjoni in konnessjoni mal-proċeduri 1267/2007 quddiem il-Qorti tal-Appell. (fol 97 sa 179)

12. Rat illi fit-8 ta' Jannar 2020, l-intimat ippreżenta serje ta' dokumentazzjoni in konnessjoni mal-varji proċeduri legali involuti fil-proċess odjern. (fol 183 sa 229)

13. Rat illi b'rikors datat 8 ta' Jannar 2020, l-intimat Avukat Ġenerali talab illi l-pożizzjoni legali ta' l-intervenuti fil-kawża Charles u Maria Dolores Grech tinbidel għal waħda ta' imsejjħin fil-kawża, liema talba ġiet miċħuda fid-29 ta' Jannar 2020.

14. Rat illi fil-5 ta' Frar 2020, il-partijiet qablu illi l-kawża setgħet titħalla għas-sottomissjonijiet finali.

15. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentata fl-1 ta' Ġunju 2020 (fol 259).

16. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fil-15 ta' Ġunju 2020 (fol 281).

17. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intervenuti fil-kawża Charles u Rita Grech ippreżentata fl-10 ta' Settembru 2020.

18. Rat illi fil-25 ta' Settembru 2020, il-kawża tħalliet għas-sentenza.

### Fatti tal-każ

19. Jirriżulta li r-rikorrent kien intimat fil-każ ta' żgumbrament mill-fond "Sacred Heart", Triq Gorse, B'kara, fil-każ Ċitazzjoni Nru 1267/07 fl-ismijiet '*Charles u Maria Dolores konjuġi Grech vs Cecil Herbert Jones*', liema każ ġie deċiż mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fid-9 ta' Frar 2012.

20. Jirriżulta illi, sussegwentement, Cecil Herbert Jones appella kemm mis-sentenza preliminari tal-ewwel Qorti datata 7 ta' Mejju 2009 kif ukoll mis-sentenza finali tad-9 ta' Frar 2012. Iżda, b'sentenza tad-29 ta' April 2016, il-Qorti tal-Appell ċahdet iż-żewġ appelli.

21. Jirriżulta li, eventwalment, ir-rikorrent ressaq ukoll talba għal ritrattazzjoni fi grad ta' appell, li kienet appuntata l-ewwelnett għat-3 ta' Lulju 2017 u li ġiet eventwalment deċiża fl-14 ta Diċembru 2018 (fol 165), fejn ċaħdet l-appell tar-rikorrent ritrattant.

22. Jirriżulta li kontestwalment mat-talba ta' ritrattazzjoni, r-rikorrent kien talab li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tiġi sospiża sakemm tinqata' t-talba għar-ritrattazzjoni, iżda din it-talba għas-sospensjoni ġiet miċħuda mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' April 2016.

23. Jirriżulta wkoll li fl-1 ta' Awissu 2017, ġie eżegwit il-mandat ta' inibizzjoni, u r-rikorrent sab ruħu barra mid-dar tar-residenza tiegħu, fejn kien joqgħod, in vista tal-iżgumbrament li sofra konsegwenza tal-kawża tal-Qorti.

24. Jirriżulta li in segwitu, hu ppreżenta Mandat ta' Inibizzjoni biex Charles Grech ma jieħux iċ-ċwievet tad-dar tiegħu, iżda din ġiet miċħuda. Talab ukoll għal miżura provviżorja oħra biex ma jittieħdux lura ċ-ċwievet u ma jinħarġux ħwejjeġ mill-fond, iżda din it-talba ġiet ukoll miċħuda.

25. Jirriżulta li fix-xhieda ta' Charles Grech quddiem dina l-Qorti, meta referut għall-iskrittura (fol 54) hu xehed li qatt ma raha.

26. Jirriżulta li l-Imħallfin fil-Qorti tal-Appell kienu l-Prim Imħallef Silvio Camilleri, Noel Cuschieri u Giannino Caruana Demajo. Ir-rikorrent qed jilmenta li r-ritrattazzjoni kienet tinsab quddem l-istess Imħallfin li ddeċidew l-Appell.

27. Meta' r-ritrattazzjoni kienet għadha pendenti, ġiet eżegwita d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell, b'konsegwenza li r-rikorrent ġie żgumbrat. Meta r-rikorrent ġie żgumbrat mid-dar fejn kien jirrisjedi f'Birkirkara, mar joqgħod għand ħabib tiegħu f'Burmarrad, u għadu jgħix hemm. Meta rrikorrent għamel talba lill-Awtorita` tad-Djar, ġie infurmat li ma setgħux jgħinuh għax hu ma kellux titolu fuq id-dar.

28. Dwar l-iskrittura eżebita a fol 54, ir-rikorrent sostna li din l-iskrittura saret bejn ommu, illum defunta Rita Jones, u s-sid oriġinali tal-fond fejn kien jabita, Emanuel Meli, liema skrittura saret f'Novembru 1965. Ir-rikorrent sostna li huwa jissemma' fit-tieni paragrafu ta' din l-iskrittura.

29. Jirriżulta li l-avukat Dottor Tonio Azzopardi beda jippatroċinja lir-rikorrent wara li kien ġie deċiż l-appell.

## Ikkunsidrat

30. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent qiegħed, permezz tal-azzjoni preżenti, jilmenta li sofra leżjoni tad-dritt lilu garantit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea meta l-Imħallfin naqsu li jirtiraw mill-każ skont provvediment datat 27 ta' Frar 2017. Inoltre`, huwa qed jilmenta wkoll li sofra leżjoni ta' dritt kif garantit mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, meta taw bidu għar-ritrattazzjoni tal-kawża li kienet ġiet deċiża mil-Qorti tal-Appell, u dana billi naqsu li jirtiraw mill-kawża.

31. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-Avukat tal-Istat, qajjem is-segwenti difiżi:

    a. Ir-rikorrent ma għamilx talba *ad hoc* ai termini tal-artikolu 734 tal-Kap 12.
    b. Ir-rikorrent fil-proċeduri ta' ritrattazzjoni ma ntavolax talba għar-rikuża tal-Imħallfin ai termini tal-Artikolu 742 tal-Kap 12.
    c. Mhuwiex minnu li seħħet leżjoni skont l-artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropea, għaliex it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti ma kinux ġustifikati skont il-liġi.
    d. It-talba tar-rikorrent fejn qed jintalab it-twaqqif tal-mandat ta' żgumbrament numru 360/17 hija insostenibbli. Fejn qed jintalab rimedju inkluż it-twaqqif tal-mandat ta' żgumbrament, din twaqqaf l-andament ta' proċedura ċivili, u hija opposta fil-ġurisprudenza nostrana.
    e. L-obbligu tas-soprassessjoni huwa biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn il-Qorti tkun rinfaċċjata b'allegat ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem.

## L-eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat

26. Jirriżulta li, permezz tal-ewwel eċċezzjoni preliminari, l-Avukat tal-Istat talab li Charles Grech u Maria Dolores Grech jiġu kjamati in kawża.

27. Jirriżulta illi in segwitu għal rikors tal-istess konjuġi Grech biex jintervjenu fil-kawża, din il-Qorti diversament ippresjeduta kienet laqgħet it-talba fil-5 ta' Diċembru 2017 (fol 57) sabiex il-konjuġi Grech jintervjenu fil-kawża.

28. Jirriżulta wkoll, li wara li l-Avukat tal-Istat, sussegwentement fil-mori tal-każ ippreżenta rikors fejn talab, li l-konjuġi Grech jiġi imsejħa fil-kawża, din il-Qorti ċaħdet it-talba permezz ta' digriet tad-29 ta' Jannar 2020 (fol 234), wara li rat li l-atti huma integri ladarba l-konjuġi Grech intervjenew fil-każ.

29. Għaldaqstant, il-Qorti tqis li għandha tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat.

**Meritu tal-każ.**

27. Ir-rikorrent qed jikkontendi li d-dritt fundamentali tiegħu għal smiegħ xieraq ġie leż wara li t-tlett Imħallfin, li kienu taw il-provvediment datat 27 ta' Frar 2017 u illi l-istess tlett Imħallfin taw bidu għall-proċedura ta' ritrattazzjoni wara li kienu ddeċidew kawża ta' appell fil-konfront tiegħu, u ma rtirawx mill-każ. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, r-rikorrent issottometta, li dan l-istess panel ta' tlett Imħallfin iddeċidew "kullana" ta' deċiżjonijiet, b'hekk ġie leż id-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smiegħ xieraq skont l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Fis-sottomissjonijiet, ir-rikorrent jilmenta b'mod approfondit li t-tlett Imħallfin ma kellhomx jipproċedu bis-smiegħ tal-każ ta' ritrattazzjoni wara li diġà kienu ddeċidew il-każ tar-rikorrent fl-Appell u wara li taw il-provvediment datat 27 ta' Frar 2017.

28. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent irrefera għal diversi kawżi, fosthom tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fosthom, **Driza vs Albania** u **Pereira de Silva vs Portugal**, fejn ingħad li la darba l-Imħallfin kienu diġa' esprimew l-opinjoni tagħhom fuq kwistjoni, huma ma kellhomx jerġgħu jiddeċiedu fuq l-istess kwistjoni. Ir-rikorrent kompla jissottolinea dwar il-ħtieġa ta' indipendenza u imparzjalita` tal-Qorti, billi rrefera għall-każ **De Cubber**, deċiża fis-26 ta' Ottubru 1984, kif ukoll **Navalnyy & Ofitserov vs Russia**, deċiża fit-23 ta' Frar 2016 fejn ingħad: "*The risk of issuing contradictory judgements was a factor that discouraged the Judge in finding the truth*". Għalhekk, ir-rikorrent ikkontenda li meta l-Imħallfin jerġgħu jiddeċiedu dwar l-istess każ, ikun ta' dannu għall-imparzjalita` meħtieġa f'deċiżjonijiet ta' din ix-xorta. Ir-rikorrent ilmenta wkoll minn "*Pre formed opinion liable to weigh heavily in the balance at the moment of the decision*", u sostna li m'għandu jkun hemm l-ebda interpretazzjoni restrittiva dwar dan.

29. Din il-Qorti tosserva li r-referenza għall-ġurisprudenza fis-sottomissjonijiet tal-intimat jista jkollhom relevanza għall-prinċipju ta' imparzjalita` u indipendenza ta' Ġudikant, iżda mhumiex direttament applikabbli għall-każ odjern, peress li fil-każ odjern, l-ilment huwa essenzjalment dwar il-proċedura ta' ritrattazzjoni.

30. Il-Qorti tosserva illi, mill-ottika tal-fatti u ċirkostanzi tal-każ eżistenti kif esposti quddiemha, jidher li r-rikorrent kellu kull opportunita` sabiex jitlob ir-rikuża tal-Imħallfin ai termini tal-Artikolu 734 tal-Kap 12. Tali talba għar-rikuża għandha ssir *in limine litis* sakemm ir-raġuni għar-rikuża ma tkunx inqalgħet wara, kif jiddisponi l-artikolu 739 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Infatti, fil-ġurisprudenza tagħna, hemm diversi każijiet fejn il-Qrati kellhom jikkunsidraw iċ-ċaħda ta' talba għar-rikuża fi stadju bikri tal-proċeduri f'Sede Kostituzzjonali fil-kuntest tad-dritt ta' smiegħ xieraq. (Ara **Lawrence Grech et vs Avukat Ġenerali et**- deċiża mill-Qorti Kostituzzjonai fis-7 ta' Marzu 2017; **Vella and Arrigo vs Malta** deċiża fl-

10 ta' Mejju 2005; **L-Imħ Dottor Carmelo Farrugia Sacco vs L-Onor. Prim Ministru et**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Jannar 2014 u **L-E.T. Rev. Mons. Arcisqof Giuseppe Mercieca pro et noe vs L-Onor Prim Ministru noe et** Qorti Kostituzzjonali, deċiża fis-27 ta' Settembru 1984.)

31. Il-Qorti tosserva illi l-artikolu 734 tal-Kap 12 ma jeskludix raġunijiet oħra għar-rikuża ta' ġudikant. Il-Qorti tagħraf li r-raġunijiet li għalihom ġudikant jista' jiġi rikużat milli jkompli jisma' l-każ mhumiex biss dawk imsemmija fil-liġi fl-artikolu 734 tal-Kap 12. Iżda, jeżistu każijiet eċċezzjonali, fejn jista' jkun hemm raġunijiet serji oħra li jwasslu għar-rikuża. (Ara **Il-Pulizija vs Joseph Lebrun**, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Frar 2008).

32. L-istitut tar-rikuża huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Dan il-prinċipju isib l-applikazzjoni akbar fil-qafas ta' kawża ta' natura Kostituzzjonali (Ara **Dr. Alfred Mifsud vs Onor. Prim Ministru et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru 1994).

33. Kif stabbilit mill-Qrati tagħna li: "*Anke jekk skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap 12 ma hemmx lok għal rikuża – anzi jista' jkun hemm divjiet ta' astensjoni – iżda tista' tinħoloq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tal-individwu bil-konsegwenza li dawn tal-aħħar għandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-oħra tal-liġi ordinarja.*" (Ara **Cachia vs Onor Prim Ministru noe et** deċiża fl-10 ta' Ottubru 1991 **Bugeja et vs Onor Prim Ministru noe et** deċiża fis-17 ta' Ġunju 1994 u **Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fl-1 ta' Novembru 1996.

34. Jirriżulta illi fil-każ li waslu għall-proċeduri odjerni, l-avukat li dak iż-żmien kien jippatroċinja lir-rikorrent kienet għamlet eċċezzjoni dwar ir-rikuża tal-Imħallfin. Illi sussegwentement, fit-8 ta' Jannar 2018, il-Qorti tal-Appell komposta mit-tlett ġudikanti ċaħdet it-talba għar-rikuża, abbażi tal-fatt li għalkemm il-Qorti kif komposta kienet diġa' wasslet għall-konklużjoni dwar il-punt ikkontestat, bil-produzzjoni ta' dokument ġdid l-Imħallfin ser jiddeċiedu dwar punt u xenarju ġdid u għalhekk kienu ser iqisu fatti ġodda li twassal għal deċiżjoni oħra.

35. Jiġi osservat, li kif tajjeb eċċepit, mill-intimat Avukat tal-Istat ma saret l-ebda talba *ad hoc* ai termini tal-artikolu 734 u fil-proċeduri ta' ritrattazzjoni ma saritx talba għar-rikuża ai termini tal-Artikolu 742 tal-Kap 12. Jirriżulta li kien hemm eċċezzjoni dwar ir-rikuża li ġiet respinta abbażi tal-fatt li permezz tad-dokument ġdid prodott mir-rikorrent, l-Imħallfin kienu ser jiddeċiedu dwar punt ġdid. Għaldaqstant, ma saritx talba *ad hoc* kif rikjest fil-provvedimenti tal-liġi dwar ir-rikuża.

36. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti **tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat**. **Tilqa' wkoll *in parte* dak eċċepit fit-tielet eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat**

dwar in-nuqqas tar-rikorrent, meta fil-proċeduri tar-ritrattazzjoni, ma ntavolax talba sabiex jitlob ir-rikuża tal-Imħallfin ai termini tal-Artikolu 742 tal-Kap 12.

**Provvediment tas-27 ta' Frar 2017**

37. Dwar l-ilment tar-rikorrent in konnessjoni mal-provvediment tal-Imħallfin datat 27 ta' Frar 2017, jingħad li r-rikorrent kien ippreżenta rikors sabiex iwaqqaf l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell li ngħatat fil-konfront tiegħu sakemm tiġi deċiża l-proċedura ta' ritrattazzjoni - l-istess Imħallfin li ddeċidew fil-Qorti tal-Appell, taw il-provvediment datat 27 ta' Frar 2017, fejn ma laqgħux it-talba tar-rikorrent għall-waqfien tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell. Ir-rikorrent, permezz tal-presenti proċeduri, qed jilmenta mill-fatt illi kienu l-istess Imħallfin li ddeċidew dan il-provvediment.

38. Il-Qorti tosserva, l-ewwel u qabel kollox, li l-artikolu 823(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "*It-talba għar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-eżekuzzjoni tas-sentenza attakkata*." Fis-subinċiż 2 tal-istess artikolu 823, il-leġislatur jgħaddi beix jelenka lista eżawrenti ta' istanzi meta l-Qorti tista' twaqqaf l-eżekuzzjoni ta' sentenza.

39. Il-Qorti tirrileva illi hija, f'dan l-istadju, m'għħandhiex tissindika tali d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell, u dana anke in vista tal-fatt li l-artikolu 823(1) suċitat huwa ċar u skjett.

40. Il-Qorti, għalhekk, tqis illi r-rikorrent, bl-ebda mod, ma jista' jippretendi li, minħabba l-fatt li ngħatat deċiżjoni kontrih, fis-sens li ordnat l-iżgumbrament tiegħu, Qorti għandha twaqqaf l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell sempliċiment għaliex huwa ipproċeda bir-ritrattazzjoni.

41. Il-Qorti tosserva illi fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell biex tiċħad it-talba għat-twaqqif, ma kien qed jiġi eżaminat l-ebda mertu, iżda biss it-talba għal sospensjoni, liema talba hija biss waħda proċedurali. Għalhekk, l-ilment tar-rikorrent dwar vjolazzjoni tad-dritt f'dan ir-rigward, huwa evidentement imġebbed u ma jistax jingħad li hemm ksur jew vjolazzjoni meta t-talba tar-rikorrent ġiet miċħuda permezz tal-provvediment datat 27 ta' Frar 2017. (Ara f'dan is-sens ukoll **Albert Mizzi noe vs L-Avukat Ġenerali**, (1/2006/1) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Ottubru 2007).

**Leżjoni ta' dritt garantit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**

42. Il-Qorti issa ser tgħaddi biex tistħarreġ il-mertu dwar l-ilmenti fl-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent, u r-relazzjoni u l-inammissibilita` o meno tat-talbiet odjerni fil-kuntest tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

43. Fl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea fil-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta jingħad: "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet Ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'liġi.*"

44. Illi skont l-awturi **Harris O'Boyle & Warbick**, fil-ktieb "**Law of the European Convention on Human Rights**" (3rd Ed. P.409)

> " *A number of specific rights have been added to Article 6(1) through the medium of its 'fair hearing' guarantee. The first of these to be established were 'equality of arms' and the right to a hearing on one's presence. A breach of such a specific right may itself amount to a breach of the right to a 'fair hearing' without any need to consider other aspects of the proceedings. As noted, in cases not involving a breach of a specific right, the Court may nonetheless find a breach of the right to a fair hearing on a hearing as a whole basis.*"

45. F'dan il-kuntest, huwa opportun illi jiġu enunċjati prinċipji dwar l-imparzjalita` u indipendenza, meħtieġa sabiex jiġi mħares id-dritt għal smiegħ xieraq.

46. Sabiex jiġi determinat jekk id-dritt għas-smiegh xieraq ġie leż, il-Qorti trid teżamina jekk fil-konkret, u mhux fl-astratt, jistax jingħad li hemm jew jista' jkun hemm "bias" fil-ġudikant li jrendi l-operat tiegħu soġġettivament jew oġġettivament parzjali. Il-prinċipju li "*Justice must not only be done but must be seen to be done*" trid tiġi valutata fl-isfond tal-każ partikolari. (ara **Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et** PA Sede Kostituzjonali l-1 ta' Novembru 1996; **E.T. Mons. Arċisqof G. Mercieca pro et** vs Onor. Prim Ministru noe et, Qorti Kostituzzjonali deċiża fit-22 ta' Ottubru 1984.

47. L-awturi **Van Dijk Van Hoof u Van Rijn** fil-ktieb "Theory and practice of the European Convention on Human Rights" (4th Edition) P.613 isostnu wkoll :

> *"The adjectives "independent" and "impartial" are the expression of two different concepts. The notion of independence refers to the lack of any connection between the tribunal and other parts of government, whereas the impartiality must exist in relation to the parties to the suit and the case at issue. However the court has not always drawn a clear borderline between the two concepts, and often considers both concepts together."*
>
> *"For impartiality it is required that the court is not biased with regard to the decision to be taken, does not allow itself to be influenced by information from outside the court room, by popular, or by any pressure what so ever, but bases its opinion on objective arguments on the ground of what has been forward at the trial."*

48. Il-Qorti Ewropeja fis-sentenza **Hauschildt vs Denmark** (1989) fissret ir-rekwiżiti hekk :

> *"The existence of impartiality for the purposes or Article 6 para. 1 must be determined according to a subjective test, that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case, and also according to an objective test, that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect (see amongst other authorities the* ***De Cubber*** *judgement of 26th October 1984, Series Ano 86 p 13-14, para. 24).*
>
> *As to the subjective test, the applicant has not alleged, either before the commission or before the court that the judges concerned acted at personal biased. In any event the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary and in the present case there is no such proof.*
>
> *There does remains the application of the objective test. Under the objective test, it must be determined whether, quite apart from the judge's personal conduct, there are ascertainable facts which may raise doubts as to his impartiality. In this respect even appearances maybe of certain importance. What is at stake is the confidence which the courts in a democratic society must inspire in the public and above all, as far as criminal proceedings are concerned, in the accused. Accordingly, any judge in respect of who there is a legitimate reason to fear a lack of impartiality must withdraw (see* ***De Cubber*** *judgement previously cited, Series A no 86, P.14 para.26).*

49. Fil-ktieb ta' **Lester and Pannick** Human Rights Law and Practice P.151 Butterworths Edition 1999 insibu l-kliem "*impartiality for the purpose of Article 6 denotes an absence of prejudice or bias*".

50. Kif ritenut fil-każ **Le Compte, Van Leuven and De Meyere vs Belgium** (1983) "*Personal impartiality is to be presumed until there is proof to the contrary."* Għalhekk, il-Qorti tosserva, is-sempliċi biża' da parti tar-rikorrent li jista' jkun hemm nuqqas ta' imparzjalita` ma twassalx għal ġustifikazzjoni oġġettiva ta' nuqqas ta' imparzjalita`, iżda jeħtieġ li tiġi ippruvata. (Ara f'dan is-sens **Piersack case** – 1 ta' Ottubru 1982 Series A no. 53 p.16, para 13).

51. Fil-każ **Harris O'Boyle & Warwick**; f'Law of the European Convention of Human Rights intqal illi:

> *"another question is whether a judge can sit at more than one stage in the hearing in the merits of a case, or in both of two related cases. As to the former situation in* ***Ringeisen vs Austria****, (16th July 1971, Serie A no.13.para.95) see also* ***Thomann vs Switzerland****. The court indicated that it cannot be stated as a general rule resulting from the obligation to*

*be impartial that a case must be reheard, having been referred back by an appellate court, by a tribunal with a total different membership from that of the first hearing. In contrast, it has been held that a judge should not take part into different appellate stage of the same case;* ***Marcel & Branquart vs France*** *(2010).*

52. Fis-sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat ġie sottolineat, li l-fatt li Imħallef, fil-kapaċita' individwali tiegħu, jiġi msejjaħ ripetutament sabiex jiddeċiedi kawża li tolqot lill-istess persuna, mhuwiex fatt minnu nnifsu li joħloq imparzjalita`. Lanqas jista' jimplika li l-Imħallef huwa ippreġudikat versu l-persuna li qed jiddeċiedi fil-konfront tiegħu.

53. Fil-każ taħt eżami, l-istess Imħallfin li ddeċidew l-Appell eventwalment iddeċidew ukoll it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Appell. L-istess Imħallfin iddeċidew ukoll t-talba għar-ritrattazzjoni fl-istess każ.

54. Il-Qorti tosserva li r-rwol ewlieni tal-Qorti tal-Appell, huwa ta' Qorti ta' Reviżjoni, fejn wara eżami awtonomu tara jekk is-sentenza li minnha sar l-appell, ġietx maqtugħa b'mod tajjeb, kif ribadit fil-każ **Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onorevoli Dottor Joseph Muscat – Prim Ministru et**, Appell deċiża fl-14 ta' Diċembru 2018.

55. Min-naħa l-oħra, r-rwol ewlieni ta' Qorti fir-ritrattazzjoni huwa ferm distint minn dak ta' Qorti ta' Reviżjoni.

56. IL-Qorti tinnota li l-Prinċipji li fuqhom hija imsejsa r-ritrattazzjoni jagħtu opportunita` sabiex jiġu msemmija nuqqasijiet fil-proċeduri, bil-mod elenkat taħt l-artikolu 811 tal-Kap 12, fejn tnax-il każ differenti jistgħu jitqajjmu bħala bażi għal ritrattazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk l-Imħallef ġiex immexxi ħażin fil-ġudizzju tiegħu.

57. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, ir-rikorrent, meta ppreżenta l-każ għal ritrattazzjoni ibbaża t-talba tiegħu fuq l-artikolu 811 (k) u (l).

58. L-artikolu 811 tal-Kap 12 jiddisponi:

"*Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*

...

*(k) jekk wara s-sentenza, jkun instab dokument deċiżiv, u li l-parti li ġġibu ma kenitx taf bih, inkella, illi bil-mezzi li tagħti l-liġi, ma setgħetx iġġibu, qabel dik is-sentenza:*

...

*(l) jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.*

...

*Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-supposizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-supposizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verita' tiegħu tkun stabbilita pożittivament basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza.*"

59. Il-Qorti tosserva li l-każ ta' ritrattazzjoni huwa intiż sabiex jiġi mistħarreġ jekk kienx hemm nuqqasijiet fil-proċedura, u di fatti, li fil-każ in eżami, ossija l-proċedura ta' ritrattazzjoni tar-rikorrent, il-Qorti tal-Appell għamlet is-segwenti osservazzjonijiet fid-deċiżjoni tagħha tal-14 ta' Diċembru 2018:

"*Il-konsiderazzjoni legali li jirrigwardaw il-kwistjoni tas-smiegħ mill-ġdid ta' kawża li dwarha tkun ingħatat sentenza li saret ġudikata, jridu jimxu mal-prinċipju li r-rimedju tar-ritrattazzjoni maħsub fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili huwa wieħed straordinarju li jitħalla jintuża biss fil-każijiet u fiċ-ċirkostanzi imsemmija espressament fl-istess Kodiċi. Minbarra dan, it-tifsira tal-istess ċirkostanzi taħthom jista' jintalab tali rimedju, għandha tkun waħda ta' interpretazzjoni strettissima, jekk mhux ukoll b'applikazzjoni riġida li ma timxix b'xebħ jew analoġija.*" (fol 174).

60. Fil-każ odjern, ir-rikorrent ibbaża r-ritrattazzjoni tiegħu fuq l-artikolu 811(k) u 811(l), ossija fuq il-bażi ta' żball ta' fatt. Inoltre`, ir-rikorrent semma' li huwa beda l-proċeduri tar-ritrattazzjoni abbażi ta' dokument li ma kienx a konoxxenza tiegħu preċedentement. Għalhekk, il-Qorti fil-proċedura tar-ritrattazzjoni, kellha tistħarreġ stat ta' fatt ġdid li għadha ma stħarrġitx, u riedet tifli dokument ġdid. Infatti, saret referenza għall-każ **Carmelo Borg et vs Direttur Ġenerali Qrati et**, deċiż fil-11 ta' April 2017, fejn ġie ritenut li f'talba għal ritrattazzjoni minħabba żball ta' fatt a tenur tal-artikolu 811(l) il-ġudikant mhuwiex mitlub jinterpreta l-fatti li dwarhom ikun diġa' esprima ruħu.

61. Il-Qorti tosserva li hemm distinzjoni ċara u netta bejn żball ta' fatt jew żball ta' liġi, f'każijiet ta' ritrattazzjoni. Meta t-talba għar-ritrattazzjoni hija imsejsa fuq raġunijiet li ma tkunx attribwita għal nuqqas personali tal-Imħallef, m'hemm xejn ħażin li terġa' tinstema' mill-istess Imħallef. Tirrileva wkoll illi ma jistax jitqies illi hemm vjolazzjoni jekk l-Imħallef ikun mitlub jiġġudika l-istess każ abbażi ta' fattispjeċje ġodda. Dan fil-fatt huwa l-każ in kwistjoni fejn Cecil Herbert Jones, fir-ritrattazzjoni sostna li sar jaf b'dokument li ma kienx a konoxxenza tiegħu. Għalhekk, fil-proċedura tar-ritrattazzjoni l-Imħallfin kellhom jistħarrġu dokument

kompletament ġdid u ma kien hemm xejn implikat dwar żball ta' applikazzjoni tal-liġi.

62. Infatti, d-distinzjoni ta' żball ta' liġi jew żball ta' fatt toħroġ ċar u hija speċifikatament puntwalizzata fil-każ **Albert Mizzi noe vs L-Avukat Ġenerali** deċiża mill-Prim Awla Qorti Ċivili Sede Kostituzzjonali fl-10 ta' Ottubru 2006 (1/2006) fejn saret referenza ampja għall-każ **St. Leonard Band Club vs Malta**:

63. Fil-kawża **St. Leonard Band Club vs Malta** il-Qorti Ewropea, fil-parti konkluživa tagħha, tgħid is-segwenti:

> "*The court reiterates that there are two tests for accessing whether a tribunal is impartial within the meaning of Article 6 § 1: the first consists in seeking to determine the person conviction of a particular judge in a given case; the second in ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect (see among other authorities, **Gautrin and others vs France,** judgement of 20th May 1998, reports of judgments and decisions 1998-III, p.1030 – 31 § 58 , and **Thomann vs Switzerland**, judgement of 10th June 1996 , reports 1996-III, p.815, § 30).*
>
> *As to the subjective test, the personal impartiality of a judge must be presumed until there is proof to the contrary (see among other authorities **Padovani vs Italy**, judgement of 26th February 1993, Series A no 257-B, P.20, § 26, and **Morel vs France** no 34130/96, § 41 ECHR 2000-VI). In the present case nothing shows that the judges composing the bench of the court of appeal acted with any personal prejudice. This is not disputed by the parties.*
>
> *In the instant case the concerns regarding the court of appeal's impartiality stand from the fact that its bench was composed of the same three judges who had previously heard the merits of the case and adopted the impugned judgement of 30th December 1993.*
>
> *In this connection, the court observes that as regards the request for a retrial, the court of appeal was essentially called upon to ascertain whether its previous judgement of 30th December 1993 was based on a misinterpretation of the law. Thus, the same judges were called upon to decide whether or not they themselves had committed an error of legal interpretation or application in their previous decision, being in fact requested to judge themselves and their ability to apply the law.*
>
> *The court notes that the present case is distinguishable from that of Thomann, invoked by the government (see para 52 above). In the latter, during the retrial proceedings new and comprehensive information was available to the judges, who were undertaking a fresh consideration of the whole matter and were not called upon to evaluate and determine*

*their own alleged mistakes (see **Thomann vs Switzerland** cited above p.816 § 35) In the instant case, the trial judges were called upon to assess and determine whether their own application of the law had been adequate and sufficient.”*

64. Fil-każ **Albert Mizzi vs l-Avukat Ġenerali**, il-Qorti ikkwotat il-parti deċiżiva tas-sentenza **St Leonard Band Club vs Malta** fejn il-bażi tar-ritrattazzjoni kienet jekk is-sentenza li taw l-Imħallfin tkunx applikat il-liġi ħażin u mhux dwar il-każijiet l-oħra msemmija għar-ritrattazzjoni taħt l-artikolu 811. Dina l-Qorti, kif komposta, tosserva li fil-każ **St Leonard Band Club vs Malta** ingħad b’mod ċar li l-Qorti kellha tistħarreġ is-sentenza li tat preċedentament fit-30 ta Diċembru 1993 ibbażata fuq misinterpretazzjoni tal-liġi u ċioe applikazzjoni ħażina tal-liġi minnhom stess. Għalhekk, f’dan il-każ, il-Qorti Ewropea ma qablitx illi għandhom jibqgħu l-istess Imħallfin biex jiddeċiedu r-ritrattazzjoni meta jkun hemm allegazzjoni ta’ applikazzjoni ħażina tal-liġi mingħajr ma jkun hemm **new and compehensive information available to the judges** kif kien hemm fil-każ **Thomann vs Switzerland**.

65. F’dan il-kuntest, il-Qorti tqis illi għandha ssir riferenza għal każ **Thomann vs Switzerland** deċiż fl-10 ta’ Ġunju 1996, liema każ l-Qorti tqis li huwa direttament applikabbli għall-każ in eżami stante għax jitratta din il-kwistjoni ta’ l-Imħallfin fi proċedura ta’ ritrattazzjoni. Fil-każ **Thomann vs Switzerland** intqal hekk:

> “*The Court of appeal took the view that the decision to allow a retrial…..was not an avenue of appeal in the strict sense but a decision to rehear the case, whose sole effect was to set aside a judgment given in absentia and to open a trial under the ordinary procedure, which would result in an new judgment replacing the earlier one. In the absence of statuary provisions of that point, the practice was for the judge who had given the first judgment to hear the application for a retrial and to sit in the new trial under the ordinary procedure. The explanation of this practice was that the retrial did not entail the exercise of functions that were different from those exercised buy the first judge or any criticism of his decision. Its sole purpose was to supplement the facts on which the first judgment had been based. In those circumstances it could hardly be contented that there was a risk of a lack of impartiality on the part of such a judge when retried the case.*
>
> *The court recalls that, when the impartiality of a tribunal for the purposes of Article 6 para.1 is being determined, regard must be had only to the personal conviction and behaviour of a particular judge in a given case – the subjective approach – but also to whether it afford it sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt in this respect (see, among other authorities, the Bulut vs Austria judgement of 22 February 1996, Reports of Judgments and decisions 1996 – II p.356, para.31)*

*In this connection observes that the instant case does not concern the successive exercise of different judicial functions, but judges who set twice in the same capacity.*

*Furthermore, if a court had to alter its composition each time that it accepted an application for a retrial from a person who had been convicted in his absence, such persons would be placed at an advantage in relation to defendants who appeared at the opening of their trial, because this would enable the former to obtain a second hearing of their case by different judges at the same level of jurisdiction. In addition, it would contribute to slowing down the work of the courts as it would force a larger no of judges to examine the same file, and that would scarcely be compatible with conducting proceedings within a reasonable time. In conclusion, there has been no violation of Article 6 para.1."*

66. Ikkunsidrat dawna l-fatti u konsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti tqis li l-allegat leżjoni ta' dritt ai termini tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-allegat ksur ta' smiegh xieraq aċċennat fl-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrent, ma jistgħux jissusisstu u għalhekk il-Qorti m'għandhiex għalfejn tikkunsidra l-ħames talba tar-rikorrent dwar kumpens.

67. Finalment, għar-rigward it-tielet u r-raba' talba kif dedotti, din il-Qorti tqis, li in vista tas-suespsot, m'hemmx lok għal rimedji u għal miżuri proviżorji, kif mitlub f'dawn it-talbiet, kwindi tiċħad ukoll, it-tielet u r-raba' talba.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrent**.**

**Tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat.

**Tilqa’** l-eċċezzjonijiet kollha rimanenti tal-Avukat tal-Istat.

**L-ispejjeż** għall-proċeduri odjerni għandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur